MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 36

**It-Tnejn, 5 ta' Lulju, 2021**

Il-Laqgħa saret b'mod virtwali fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-ittri t' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri t'apologiji.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 36.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tal-35 laqgħa ġew approvati unanimament.

## 36.2.2 Korrezzjonijiet

36.2.2.1 – Minuti 35.2.3 u 35.2.4 jiġu kkoreġuti għal 35.3.3 u 35.3.4 irrespettivament.
36.2.2.2 - Minuta 35.3.3- il-kelma "deċiżjoi" issir "deċiżjoni"
36.2.2.3 - Minuta 35.5.3 - il-kelma "jitpoġa" issir "jitpoġġa"
36.2.2.4 - Minuta 35.5.4 - il-kelma "jiffilmajw" issir "jiffilmjaw"
36.2.2.5 - Minuta 35.6.1 - il-kelma "tall-knis" issir "tal-knis"
36.2.2.6 - Minuta 35.6.3 - il-kelma "montiteraġġ" issir "moniteraġġ"

## 36.3 Punti mqajjma mill-minuti

**36.3.1** Minuta 35.3.1 - Is-Sindku informa lill-membri li ser issir laqgħa mal-Community Police fl-14 ta' Lulju 2021 fis-1:00pm ġewwa l-bini tal-Kunsill fejn fl-istess laqgħa ser ikun preżenti wkoll l-Ispettur Rotin.

**36.3.2** Minuta 35.6.1 – Is-Sindku informa lill-membri lit-tender tal-knis ser jiskadi f'Novembru 2021 u għaldaqstant nibdew nipreparaw sabiex jinħareġ dan it-tender li għandu jkun simili għat-tender li ħarġu il-Kunsill Lokali tar-Rabat. Wara diskussjoni u fuq talba tal-istess Sindku, il-membri qablu b'mod unanimu li n-numru ta' kenniesa għandhom jiżdiedu għal tlieta.

**36.3.3** Minuta 35.6.3 - Is-Sindku nforma lill-membri li dwar l-infurazar tat-tindif kien ser jagħmel appuntament mas-CEO tal-LESA.

**36.3.4** Minuti 35.6.4 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati li is-servizz tal-Wifi fil-lokalita ser ikun fuq sfera nazzjoniali u għaldaqstant mhux ser inkunu f'pożizzjoni li l-Kunsill joħroġ sejħa ta' nteress għal rasu. Is-Sindku qal ukoll li is-sejha ta' nteress li ħarġu id-Dipartiment waslet biex tiġi konkluża.

## 36.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.4.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill ħareġ is-sejħa għall-ingaġġ ta' skrivan/a Skala 13 fejn kien hemm applikazzjoni waħda. Is-Sindku ppropona sabiex fuq il-Bord tal-Għażla, flimkien miegħu, ikun hemm is-Sur Gianluca Falzon u Dott. Carabott bħala membri. Il-membri kollha qablu ma dak li ġie proponut mis-Sindku.

36.4.2 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva talba mingħand il-Kuntrattur tal-Proġett tal-Palazz l-Aħma fejn dawn qed jallegaw li l-Perit tal-Kunsill ma kienx ħa l-kejl tajjeb u hemm varjazzjoni ta' madwar €80k. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li hu tkellem mal-Perit fejn qallu li huma lesti li jerġgħu jmorru jieħdu l-kejl iżda jekk dan isir il-Kunsill jkollu jerġa' jħallas għall-professional fees. Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-Kunsill jieħu parir tal-Avukat.

## 36.5 Rapporti / Korrispondenza

**36.5.1** Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jitkellem dwar ir-rapport li għandu fuq l-ikel li qed jinxtara lill-qtates. Is-Sur Dimech qal li wara li kellu konsutazzjoni ma' dawk li qed jieħdu ħsieb il-qtates irriżulta li t-tip ta' ikel li qed jixtara qed ikun ta' kwalita inferjuri u għaldaqstant mhux qed ikun ta' kwalita' tajba għas-saħħa tal-qtates. Wara li saret diskussjoni l-membri qablu li meta l-Kunsill iġib il-kwotazzzjoijiet dawn ikunu diskussa mal-perusni li jieħdu ħsieb sabiex nivverifikaw li dawn ikunu ta' kwalita xierqa. Il-kwotazzjonijiet għandhom jinġiebu skont l-"ispecifications".

**36.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**36.6.1 Quarterly Report Jannar 2021 sa Marzu 2021**

Is-Sindku talab lill-Accountant, Is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti r-rendikont finanzjarju dak ta' bejn Jannar u Marzu 2021.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Gianluca Falzon ssekonda lis-Sindku għar-rendikont finanzjarji Jannar – Marzu 2021 filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**36.6.2 Festa Santa Venera 2021**

Is-Sindku informa lill-membri li bħas-sena preċedenti minħabba is-sitwazzjoni tal-Covid 19, fil-ġimgħa tal-Festa ta' Santa Venera il-Kunsill jikkordina u jieħu ħsieb il-logistika. Wara diskussjoni dwar materji varji l-Kunsll qabel li:

**36.6.2.1** Wardens għall-ġimgha tal-Festa -_Ġimgħa 23 ta' Lulju 2021 u s-Sibt 24 ta' Lulju 2021 tingħalaq Triq il-Kbira San Guzepp k/m Triq l-Imsida sa Triq il-Kbira San Guzepp k/m Triq San Ġorġ mit-8:00pm sas-2:00am fejn ikollhom aċċess biss r-residenti u Trasport Pubbliku

Il-Ħadd 25 ta' Lulju 2021 Triq il-Kbira San Guzepp k/m Triq l-Imsida sa Triq il-Kbira San Guzepp k/m Triq San Ġorġ mill-11:00am sa 12:00am fejn ikollhom aċċess biss r-residenti u Trasport Pubbliku.

**36.6.2.2** Fjuri - 2 bukketti tal-fjuri – wieħed il-Knisja il-Qadima u ieħor il-Knisja l-Ġdida

**36.6.2.3** Fire Engine - Il-Membri qablu sabiex il-Kunsill jordna s-servizz ta' Fire Engine fi Triq il-Kanun għall-Ħadd 25 ta' Lulju u dan sabiex jiġu evitati xi inċidenti.

**36.6.2.4** Dawl fit-Toroq- Il-Membri qablu sabiex isir fustun tad-dawl tal-festa fi Triq il-Kbira San Guzepp u f'Misraħ Santa Venera. Wara li l-Kunsill ġab tlett kwotazzjonijiet b'mod unanimu qablu sabiex jintgħazel C&G Street light Decoration minħabba l-fatt li kienet l-irħas kwotazzjoni fejn l-ammont kien dak ta' €1180 VAT inkluża.

**36.6.2.5** Il-Membri iddiskutew u qablu unanimament sabiex f'nhar il-festa kemm il-quddies ta' filgħodu u kif ukoll in-nar tal-ajru jkunu trasmessi live fuq il-pagna ta' facebook. F'dan ir-rigward kien hemm qbil sabiex il-kunsill iġib 3 kwotazzjonijiet u tintagħżel l-irħas kwotazzjoni**.**

**36.6.2.6** Il-Membri qablu wkoll sabiex fi żmien il-festa jitwaħħlu speakers f'diversi toroq madwar il-lokal sabiex jindaqqu marci relatati sabiex fi żmien ta'

pandemija xorta waħda jasal l-ispirtu tal-festa għand ir-residenti. F'dan ir-rigward kien hemm qbil sabiex il-kunsill iġib 3 kwotazzjonijiet u tintagħżel l-irħas kwotazzjoni.

**36.6.3 Ġemellaġġ**

Is-Sindku staqsa lis-Sur Gianluca Falzon dwar l-applikazzjoni. Is-Sur Falzon nforma lill-membri li kien bgħat imejl u għadu qiegħed jistenna risposta. Is-Sur Falzon qal li fil-laqgħa li jmiss jgħati aktar informazzjoni.

**36.6.4 *European Mobility Week***

Is-Sindku informa lill-membri dwar il-European Mobility week - Permanent Sustainable Mobility Measures Competition fejn għal din l-iskema jrid jinħoloq proġett permanenti fejn ir-rebbieħ jieħu €50K, r-runner-up jieħu €30K, min jikklassifika fit-3 u r-4 post jieħu €25K.

Is-Sindku qal li hemm ukoll skema oħra sabiex fil-Car Free Day, li ser tkun fis-17 ta' Settembru 2021, issir attivita. Wara diskussjoni is -Sindku talab lis-Sur Falzon u lis-Sur Dimech sabiex jikkordinaw attivita' u issir applikazzjoni sabiex b'hekk il-Kunsill jipparteċipa għal dawn il-fondi.

Il-Membri qablu unanimament

**36.6.5 Servizz ta' *Accountant***

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kuntratt attwali tal-Accountant skada u għaldaqstant wasal iż-żmien saiex jinħareġ it-tender il-ġdid.

Il-Membri qablu unanimament

## 36.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kunitati jew sotto kumitati.

## 36.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa u approvati. Skeda ta' pagament: Proponent: Is-Sur Joe Vella u Sekondant: Is-Sa Courtney Farrugia

## 36.9 Ilmenti

**36.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 462 sa 551.

| | |
|---|---|
| 462 | Contracts Manager jagħmel pjanta sabiex ninfurmaw lil TM sabiex isir traffic management ġdid li jinkludi lil Triq il-Kaless |
| 472 | Ma tistax issir |
| 473 | Transport Malta |
| 478 | Ġardinar |
| 481 | Hemm bżonn li jsir studju fl-akwata |

| | |
|---|---|
| 482 | Ħaddiema Assenjati jagħmlu non slip stickers |
| 485 | Ikun hemm il-firem tal-familji li jaċċettaw li ser issir quddiemhom |
| 486 | Issir claim mill-insurance |
| 489 | Ħaddiema Assenjati |
| 495 | Grima & Sons |
| 497 | Ma tistax issir |
| 502 | ERA |
| 509 | Hemm oġġezzjoni mir-residenti fuqha |
| 510 | Ma tistax issir |
| 511 | Nibgħatu ittra |
| 512 | Work Order |
| 516 | Tintbgħat imejl lill-PA |
| 519 | Minflok issir MC bay |
| 525 | Irid ikun hemm evidenza |
| 534 | Grima & Sons |
| 542 | Ninfurmaw lil Transport Malta |
| 543 | Infrastructure Malta |
| 545 | Ma tistax issir |
| 546 | Transport Malta |
| 547 | Work Order |
| 549 | Logografix |
| 551 | Tinkiteb ittra lill-Prinċipal |

## Ilmenti Laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 314 | Nitolbu għal-permessi |
| 337 | Inkelmu lil min ressaq l-ilment |
| 342 | Work Order Mica Med |
| 364 | Inkelmu lil min ressaq l-ilment sabiex jiġi vverifikat il-post eżatt |
| 390 | Ma jistax isiru |
| 396 | Ħqddiema Assenjati - refresh |
| 417 | Niktbu lil Transport Malta |

## 36.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-9.15 pm u ġiet aġġornata għad-9 t' Awwissu 2021, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 9 t'Awwissu, 2021